**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 512/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Michael Tabone)**

**-Vs-**

***OMISSIS***

**Illum, 29 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS** akkużata talli bejn Marzu 2021 u Mejju 2023 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik iinifsek jew ghal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet  foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor  ta' krediti immaġinarji , sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika , għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Rat illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu 2023 hija laqgħet it-talba tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali u d-Direttur Ġenerali tal-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza biex jiġu ammessi fil-proċeduri bħala l-parti offiża;

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2023 ai termini tal-Artikolu 517 tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ipprojibiet il-pubblikazzjoni f'kull mezz stampat ta' isem l-imputata u dan wara li semgħet illi l-imputata għandha problemi ta' saħħa mentali fil-familja u jista' jkun hemm riperkussjonijiet bil-pubblikazzjoni ta' isimha kif ukoll wara li rat li din it-talba ma ġiex opposta mill-Prosekuzzjoni u wara li kkunsidrat ukoll illi l-imputata kienet minorenni fil-perijodu li fih twettqu l-atti li jikkostitwixxu r-reati addebitati lilha f'din il-kawża;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li hija ħatja tal-akkużi kollha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, u wara illi kkonċedietilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw illi l-ammont totali meħud mill-imputata għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huwa ta' €13,310.80;

Semgħet lill-imputata tiddikjara li hija disposta tħallas lura l-ammont kollu li ħadet illegalment mingħand d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali permezz ta' pagamenti mensili u semgħet lill-parti offiża jiddikjara li per prinċipju d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jkun disposta jaċċetta r-ripagament tas-somma dovuta permezz ta' pagamenti mensili;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputata, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda tinstab ħatja tagħhom l-imputata u l-ammont sostanzjali li nkiseb mill-imputata b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li qed tinstab ħatja dwarhom. Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputata, il-fatt li jidher li hemm retroxxena ta' problemi soċjali u problemi ta' saħħa mentali fil-familja tagħha, kif ukoll il-fatt illi hija ammettiet il-ħtija tagħha fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri u skont kif ġie sottomess mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni dwar il-piena, **hija mhux biss iko-operat bis-sħiħ fl-investigazzjonijiet dwar ir-reat, iżda wkoll kixfet minnufih l-isem tal-intermedjarju li ffaċilita l-kommissjoni tar-reati**. Fuq kollox, il-fatt illi l-imputata hija disposta li tħallas lura l-ammont kollu minnha perċepit illegalment għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Il-Qorti żammet ferm ukoll li matul is-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-Prosekuzzjoni ddikjarat mhux qiegħda tinsisti fuq piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tad-dokumenti u l-użu tagħhom mill-imputata, ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167 u 183 kif ukoll l-artikolu 188 tal-Kap. 9 - ċioe' li għamlet dikjarazzjoni falza jew tat tagħrif falz lil awtorità pubblika. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9, kif ukoll ir-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Dan magħdud il-fatt illi uħud mir-reati addebitati lill-imputata evidentement twettqu bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni ta' reati oħrajn li jinsab mixli bihom. Hekk per eżempju, ir-reat fl-ewwel imputazzjoni twettaq bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni tar-reat fit-tieni imputazzjoni, u l-istess ir-reat fit-tielet imputazzjoni, li ġie kommess bħala mezz għall-fini tat-twettiq tar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni. Fl-istess waqt, il-Qorti fehmet ukoll – anke fin-nuqqas ta' prova kuntrarja fl-atti proċesswali – li r-reati kommessi bl-użu tad-dokument iffalsifikat twettqu sewwasew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi. Dan ifisser illi jsibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputata ammettiet il-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 309 li bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputata jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Huwa wkoll evidenti fil-fehma tal-Qorti illi l-imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, il-frodi innominata, ingħatat bħala alternattiva għar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 għaliex ġaladarba tinstab ħtija għar-reat ta' truffa, ma jistax jirriżulta li l-imputata għamlet qligh **ieħor** b'qerq għad-dannu tal-istess vittma. L-istess alternattività teżisti bejn l-ewwel/it-tieni imputazzjonijiet u it-tielet/ir-raba' imputazzjonijiet, kif del resto ġie affermat mill-Prosekuzzjoni b'dikjarazzjoni reġistratata fl-atti fid-29 ta' Awwissu 2023. Għalhekk, billi l-imputata ammettiet il-

ħtija għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u għas-sitt imputazzjoni, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tas-seba' imputazzjoni.

Il-Qorti qieset fuq kollox il-fatt illi fiż-żmien meta kkommettiet l-atti li jikkostitwixxu r-reati kontinwati addebitati lilha, ċioe' bejn Marzu 2021 u April 2023 l-imputata kienet għadha minorenni u għalqet l-eta' maġġorenni[1] biss fix-xahar meta rċeviet l-aħħar pagament ossia benefiċċju bis-saħħa tal-użu tad-dokumenti falsifikati. Il-Qorti fehmet ukoll illi jeżistu problemi ta' saħħa mentali u problemi soċjali oħrajn fil-familja tal-imputata liema problemi indubbjament kellhom rwol fiċ-ċirkostanzi li wasslu lill-imputata biex tikkommetti r-reati li tinsab mixlija bihom.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan il-każ għandha tapplika l-artikolu 37(2) tal-Kap. 9 billi kif ingħad diġa', l-atti li jikkostitwixxu r-reati kontinwati li ġiet mixlija bihom ġew kommessi mill-imputata meta kienet taħt l-eta' ta' tmintax-il sena. Għalhekk, anke f'kaz li l-piena jkollha titnaqqas bi grad wieħed biss, u mhux b'żewġ gradi, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-istess Kap. 9, hija priġunerija minn 18-il xahar sa sitt snin.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi piena karċerarja żgur li m'hijiex il-piena idonea f'dan il-każ u minħabba t-tnaqqis fil-piena taħt l-artikolu 37(2) tal-Kap. 9, fejn il-piena għar-reat taħt l-artikolu 308 u l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 ma teċċeidx seba' snin priġunerija, m'hijiex eskluża l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet maħsuba fl-Att dwar il-Probation.

**Iżda fi kwalsiasi każ, anke mingħajr it-temperament fil-piena taħt l-artikolu 37(2) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu illi r-reat ta' frodi minħabba l-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 huwa punibbli bi**

[1] Kif jirriżulta mill-estratt miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, l-imputata twieldet fis-26 ta' April 2005.

**priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin[2], (i) il-vulnerabbilita' tal-imputata minħabba ċ-ċirkostanzi tal-familja tagħha, (ii) il-fatt li kienet minuri ta' 16-il sena u 17-il sena fiż-żmien meta ikkommettiet ir-reati u l-fatt illi għadha kif għalqet l-eta' ta' tmintax-il sena biss ftit tax-xhur ilu, kif ukoll (iii) l-assistenza materjali li tat lill-Pulizija bl-iżvelar tal-isem tal-persuna li ffaċilitat il-kommissjoni tar-reati u (iv) il-fatt li ddikjarat li trid tħallas lura lill-parti offiża s-somma kollha meħuda illegalment għad-dannu tal-Gvern u l-istess parti offiża hija wkoll disposta li taċċetta ripagament bin-nifs, <u>ikkunsidrati fl-assjem tagħhom jgħoddu bħala ċirkostanzi li jimmeritaw li l-imputata titqiegħed taħt Ordni ta' Probation skont kif maħsub fl-ewwel proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation</u>.**

Fil-fehma tal-Qorti, is-sorveljanza tal-imputata minn uffiċjal tal-Probation hi wkoll neċessarja sabiex hija tista' tingħata l-għajnuna, anke okkorrendo psikoloġika, li jeħtiġilha biex tindirizza b'mod strutturat l-isfidi li l-problemi fi ħdan il-familja tagħha jippreżentaw, mingħajr ma terġa' tirkorri għall-kriminalita', kif ukoll sabiex f'din l-eta' kruċjali f'ħajjitha ikollha sorveljanza minn persuni professjonali bil-għan li tingħata gwida fid-direzzjoni t-tajba u tagħraf ukoll l-importanza li jkollha sors ta' introjtu legali u stabbli biex tibni futur sod għaliha nnifisha.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet stante illi dawn ingħataw bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni stante li din ingħatat bħala alternattiva għas-sitt imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 37(2), 167, 169, 188, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil *OMISSIS* ħatja fuq ammissjoni tagħha stess, tal-ewwel, it-tieni, il-ħames u is-sitt imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) u 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn.**

---

[2] Punibbli bi priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħatja esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil *OMISSIS* tħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' tlettax-il elf tliet mija u għaxar Euro u tmenin ċenteżmu (€13,310.80) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, liema ħlas, f'każ li jintlaħaq ftehim, għandu jsir skont kif jiġi miftiehem bejn il-partijiet.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**